

Il-Ġurnal Uffiċjali

L 50

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 64

15 ta' Frar 2021

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/170 tad-9 ta' Frar 2021 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda** 1
- ★ **Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/171 tat-12 ta' Frar 2021 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/626 fir-rigward tal-listi ta' pajjiżi terzi u reġjuni tagħhom li minnhom hu awtorizzat id-dħul ta' kunsinni ta' insetti fl-Unjoni ⁽¹⁾** 4

DEĊIŻJONIJET

- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/172 tal-11 ta' Frar 2021 li taħtar membru u membru supplenti, proposti mir-Rumanija, fil-Kumitat tar-Reġjuni** 7
- ★ **Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/173 tat-12 ta' Frar 2021 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u għall-SMEs, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tar-Riċerka, u l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura u li tħassar id-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni 2013/801/UE, 2013/771/UE, 2013/778/UE, 2013/779/UE, 2013/776/UE u 2013/770/UE** 9
- ★ **Deċiżjoni (UE) 2021/174 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-10 ta' Frar 2021 li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2020/440 dwar programm temporanju ta' xiri ta' emerġenza fil-każ ta' pandemija (BĊE/2021/6)** 29

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

(Atti mhux leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/170

tad-9 ta' Frar 2021

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 57(4) u l-Artikolu 58(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ⁽²⁾, jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-oġġetti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stipula r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija totalment jew parzjalment ibbażata fuqha jew li żżid xi suddiviżjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bil-għan li jkun hemm l-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-oġġetti.
- (3) Skont dawn ir-regoli ġenerali, l-oġġetti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness jenħtieġ li jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' din it-tabella.
- (4) Jixraq li jiġi previst li l-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi maħruġa għall-oġġetti kkonċernati minn dan ir-Regolament li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, tkun tista' tibqa' tiġi invokata mid-detentur, għal ċertu perjodu, f'konformità mal-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. Dan il-perjodu jenħtieġ li jkun ta' tliet xhur.
- (5) Il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella kif imniżżla fl-Anness għandhom ikunu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' din it-tabella.

Artikolu 2

L-informazzjoni tariffarja vinkolanti li ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata f'konformità mal-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 għal perjodu ta' tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

⁽¹⁾ ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Frar 2021.

Għall-Kummissjoni
Fisem il-President,
Gerassimos THOMAS
Direttur Ġenerali
Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni

ANNEX

Deskrizzjoni tal-oġġetti	Klassifikazzjoni (Kodiċi - NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
<p>Flixxun magħmul minn ħġieġ prodott b'mod mekkaniku, f'forma ta' kranju, madwar 9,5 cm għoli, b'kapaċità nominali ta' 180 ml. Il-flixxun għandu għonq qasir (madwar 1,5 cm twil u b'dijametru tal-fetħa ta' 2 cm) u tapp mhux issiġillat magħmul mis-sufra, li joqgħod b'mod laxk fil-ftuħ tal-flixxun.</p> <p>Ara l-istampa (*).</p>	7013 49 99	<p>Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u bil-kliem tal-kodiċijiet NM 7013, 7013 49 u 7013 49 99.</p> <p>Fuq il-bażi tal-karatteristiċi oġġettivi tiegħu (il-forma speċifika tal-oġġett, it-tapp tas-sufra joqgħod b'mod laxk fl-għonq tal-flixxun; għeluq tas-sufra mhux issiġillat), l-oġġett mhuwiex iddisinjat biex jintuża b'mod komuni kummerċjalment għall-ġarr jew l-ippakkjar ta' oġġetti fis-sens tal-intestatura 7010. L-għeluq tas-sufra mhuwiex adattat biex jiżgura li l-kontenut ma jinxxix jew ma jinxtorix matul it-trasport. Id-disinn tal-flixxun u t-tapp flessibbli jagħmlu l-oġġett simili għal dekanter jew grut taż-żejt jew tal-hall, li huma oġġetti tat-tip użati bħala oġġetti tal-ħġieġ tal-mejda jew tal-kċina u li huma esklużi mill-intestatura 7010 (ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata (NSSA) tal-intestatura 7010, l-ewwel paragrafu u l-ħames paragrafu tal-esklużjoni (c), u n-NSSA għall-intestatura 7013, l-ewwel paragrafu (1)). Konsegwentement, il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 7010 bħala flixxun tal-ħġieġ, tat-tip użat għall-ġarr jew l-ippakkjar ta' oġġetti hija eskluża.</p> <p>Għaldaqstant, l-oġġett għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi tan-NM 7013 49 99 bħala oġġetti tal-ħġieġ tat-tip użat għall-mejda, għall-kċina jew għal għanijiet simili (għajr dawk tal-intestatura 7010 jew 7018).</p>

(*) L-istampa għandha tintuża biss għal raġunijiet ta' informazzjoni.



IR-REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/171**tat-12 ta' Frar 2021****li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/626 fir-rigward tal-listi ta' pajjiżi terzi u reġjuni tagħhom li minnhom hu awtorizzat id-dħul ta' kunsinni ta' insetti fl-Unjoni****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-ġħalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 127(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2017/625 jistabbilixxi regoli għall-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri sabiex jivverifikaw il-konformità mal-leġislazzjoni tal-Unjoni fil-qasam, fost l-oħrajn, tas-sikurezza tal-ikel fl-istadji kollha tal-proċess tal-produzzjoni, tal-ipproċessar u tad-distribuzzjoni. B'mod partikolari, jipprevedi li ċerti annimali u oġġetti jridu jidħlu fl-Unjoni biss minn pajjiżi terzi jew minn reġjuni tagħhom li jidher f'lista mfassla mill-Kummissjoni għal dak l-iskop.
- (2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/625 ⁽²⁾ jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625. B'mod partikolari, l-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament Delegat jistabbilixxi regoli dwar ċerti annimali u oġġetti li huma awtorizzati jidħlu fl-Unjoni biss minn pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom inklużi fil-lista għal tali annimali u oġġetti stabbilita fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/626 ⁽³⁾ [kif awtorizzat għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem].
- (3) L-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/626 jipprevedi li l-kunsinni ta' insetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem għandhom jiġu awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni biss jekk tali prodotti tal-ikel ikunu oriġinaw u jkunu ġew ikkunsinnati minn pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom, elenkati fl-Anness IIIa ta' dak ir-Regolament. Jenħtieġ li l-pajjiżi terzi u r-reġjuni tagħhom jingħataw awtorizzazzjoni għad-dħul ta' kunsinni ta' insetti fl-Unjoni u jiġu elenkati fil-lista biss meta jipprovdu evidenza u garanziji xierqa li jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 127(3) tar-Regolament (UE) 2017/625 u fl-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/625.
- (4) Fil-15 ta' Settembru 2020, il-Vjetnam ipprova biżżejjed evidenza u garanziji lill-Kummissjoni biex jiġi inkluż fil-lista ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom awtorizzati għad-dħul ta' kunsinni ta' insetti fl-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li l-Vjetnam jiġi inkluż fil-lista stabbilita fl-Anness IIIa tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/626, u dak l-Anness jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

⁽¹⁾ ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/625 tal-4 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 18).

⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/626 tal-5 ta' Marzu 2019 li jikkonċerna listi ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom hu awtorizzat id-dħul fl-Unjoni Ewropea ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/759 fir-rigward ta' dawn il-listi (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 31).

- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness IIIa tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/626 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Frar 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNEX

Fl-Anness IIIa tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/626, l-entrata li ġejja tiżdied wara l-entrata għat-Tajlandja:

"VN	Il-Vjetnam	
-----	------------	--

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/172

tal-11 ta' Frar 2021

li taħtar membru u membru supplenti, proposti mir-Rumanija, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Filwaqt li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Rumun,

Billi:

- (1) Fl-10 ta' Diċembru 2019, fl-20 ta' Jannar 2020, fit-3 ta' Frar 2020 u fis-26 ta' Marzu 2020 il-Kunsill adotta, rispettivament, id-Deċiżjonijiet (UE) 2019/2157 ⁽¹⁾, (UE) 2020/102 ⁽²⁾, (UE) 2020/144 ⁽³⁾ u (UE) 2020/511 ⁽⁴⁾ li jahtaru l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025. Fit-8 ta' Ġunju 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/766 ⁽⁵⁾ li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mill-1 ta' Frar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025. Fit-30 ta' Lulju 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/1153 ⁽⁶⁾ li taħtar membri u membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (2) Konsegwentement għal tmiem il-mandat tas-Sur Alin - Adrian NICA, sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni,
- (3) Konsegwentement għall-ħatra tas-Sur Gheorghe DĂMIAN bħala membru tal-Kumitat tar-Reġjuni, sar vakanti s-siġġu ta' membru supplenti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Huma b'dan maħturin fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-25 ta' Jannar 2025:

(a) bħala membru:

— Is-Sur Gheorghe DĂMIAN, *Mayor of Ciugud, Alba County*,

u

(b) bħala membru supplenti:

— Is-Sinjura Cosmina-Ramona PANDELE, *Mayor of Berceni commune, Prahova County*.

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2157 tal-10 ta' Diċembru 2019 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 327, 17.12.2019, p. 78).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/102 tal-20 ta' Jannar 2020 li taħtar il-membri u membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 20, 24.1.2020, p. 2).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/144 tat-3 ta' Frar 2020 li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 32, 4.2.2020, p. 16).

⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/511 tas-26 ta' Marzu 2020 li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 113, 8.4.2020, p. 18).

⁽⁵⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/766 tat-8 ta' Ġunju 2020 li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mill-1 ta' Frar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 187, 12.6.2020, p. 3).

⁽⁶⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1153 tat-30 ta' Lulju 2020 li taħtar membri u membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 256, 5.8.2020, p. 12).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Frar 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
A. P. ZACARIAS

ID-DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/173**tat-12 ta' Frar 2021**

li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u għall-SMEs, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tar-Riċerka, u l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura u li tħassar id-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni 2013/801/UE, 2013/771/UE, 2013/778/UE, 2013/779/UE, 2013/776/UE u 2013/770/UE

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 58/2003, il-Kummissjoni tista' tiddelega setgħat lill-aġenziji eżekuttivi biex jimplementaw programm jew proġett tal-Unjoni kollu jew parti minnu, f'isimha u taħt ir-responsabbiltà tagħha u skont l-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li toħloq u, fejn xieraq, tagħlaq aġenzija eżekuttiva.
- (2) Il-Komunikazzjoni lill-Kummissjoni dwar il-Governanza fil-Kummissjoni Ewropea ⁽²⁾ tipprovdi aktar dettalji dwar il-pożizzjoni tal-aġenziji eżekuttivi fil-governanza ġenerali fil-Kummissjoni u r-relazzjoni tagħhom magħha.
- (3) L-għan li l-aġenziji eżekuttivi jiġu fdati b'kompiti ta' implimentazzjoni tal-programmi huwa li l-Kummissjoni tkun tista' tiffoka fuq l-attivitàjiet u l-funzjonijiet ewlenin tagħha li ma jistgħux jiġu esternalizzati, mingħajr ma ċċedi l-kontroll fuq l-attivitàjiet ġestiti minn dawk l-aġenziji eżekuttivi u r-responsabbiltà aħharja għall-istess attivitàjiet.
- (4) Id-delega tal-kompiti relatati mal-implimentazzjoni tal-programm lil aġenzija eżekuttiva teħtieġ separazzjoni ċara bejn l-istadju tal-ipprogrammar, li tinvolvi diskrezzjoni kbira fl-għażliet xprunati minn kunsiderazzjonijiet politiċi, u li għalhekk titwettaq mill-Kummissjoni, u l-implimentazzjoni tal-programm, li l-Kummissjoni tista' tafda fidejn aġenzija eżekuttiva.
- (5) Għall-perjodu 2021-2027, il-Kummissjoni stabbiliet xenarju ġdid ta' programmi tal-Unjoni. Uħud mill-programmi l-ġodda tal-Unjoni huma suċċessuri ta' programmi eżistenti tal-Unjoni, għalkemm b'arkitettura differenti, oħrajn ġew amalgamati u xi oħrajn huma kompletament ġodda. Ix-xenarju l-ġdid jeħtieġ ir-reviżjoni tad-distribuzzjoni tal-portafolli fost l-aġenziji eżekuttivi.
- (6) Is-servizzi tal-Kummissjoni wettqu analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 58/2003, filwaqt li qiesu, fost fatturi oħra, l-iffrankar possibbli fil-qafas baġitarju ġenerali tal-Unjoni Ewropea. L-analiżi miksuba wriet li kemm f'termini ta' kosteffiċjenza kif ukoll f'termini kwalitattivi, huwa aktar effettiv li l-programmi jiġu ddelegati lill-aġenziji eżekuttivi milli li titwettaq l-implimentazzjoni tagħhom internament. L-aġenziji eżekuttivi jibbenefikaw mill-ispeċjalizzazzjoni tagħhom fl-implimentazzjoni tal-programmi. Meta jilħqu daqs suffiċjenti, jistgħu jiksbu ekonomiji ta' skala sinifikanti. Barra minn hekk, il-konsistenza tematika fil-portafolli tista' tiżgura sinerġiji bejn programmi f'oqsma simili u tagħti viżibbiltà lill-prijoritajiet tal-Unjoni.

⁽¹⁾ ĠUL 11, 16.1.2003, p. 1.⁽²⁾ C(2020)4240 final.

- (7) Għalhekk, fl-istabbiliment ta' mandati ġodda, il-portafolli jenħtieġ li jkunu, kemm jista' jkun, miġbura skont il-qasam tematiku tal-politika sabiex l-aġenziji eżekuttivi jingħataw identitità koerenti.
- (8) Barra minn hekk, jenħtieġ li d-distribuzzjoni tal-portafolli, sa fejn ikun possibbli, tevita t-trasferiment bla bżonn bejn l-aġenziji ta' programmi li diġà huma ddelegati, tiġbor fi gruppi diversi partijiet tal-istess programm fl-istess aġenzija, tiġbor flimkien il-programmi ta' Direttorat Ġenerali li jiddelega f'aġenzija waħda, u programmi ta' grupp relatati mal-istess tema fl-istess aġenzija. Tali distribuzzjoni tal-portafolli jenħtieġ li tiżgura li kull aġenzija eżekuttiva tilħaq daqs kritiku mingħajr ma żżid l-għadd ta' aġenziji eżekuttivi.
- (9) Għalhekk, jenħtieġ li l-programmi relatati mal-klima u mal-ambjent jinġabru f'aġenzija waħda, il-programmi relatati mal-qasam tal-politika diġitali jinġabru f'aġenzija oħra, il-programmi relatati mas-saħħa jinġabru wkoll f'aġenzija oħra u li l-attivitajiet tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agrikoltura u l-Ikel jiġu ttrasferiti lil aġenziji bbażati fi Brussell b'attivitajiet tematiċi jew ta' programmi simili. Fir-rigward tal-Orizzont Ewropa, sabiex jiġu evitati l-implimentazzjoni frammentata u d-duplikazzjoni, id-distribuzzjoni tal-portafoll jenħtieġ li tiżgura li kull raggruppament jiġi raggruppat f'aġenzija unika waħda.
- (10) L-aġenziji l-ġodda jenħtieġ li jissostitwixxu u jieħdu post l-aġenziji eżistenti stabbiliti rispettivament bid-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/801/UE ⁽³⁾, 2013/771/UE ⁽⁴⁾, 2013/778/UE ⁽⁵⁾, 2013/779/UE ⁽⁶⁾, 2013/776/UE ⁽⁷⁾ u 2013/770/UE ⁽⁸⁾. Sabiex jinkiseb approċċ ambizzjuż u integrat għall-kwistjonijiet tas-saħħa u dawk diġitali, Aġenzija Eżekuttiva ġdida Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali se tiġbor il-programmi kollha ddedikati għas-saħħa u għall-qasam diġitali. Wara l-eżami dettaljat tal-kostijiet u l-benefiċċji, u fid-dawl tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' April 2020 dwar l-allokazzjoni futura ta' programmi fost l-aġenziji eżekuttivi ⁽⁹⁾, jenħtieġ li l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agrikoltura u l-Ikel ibbażata fil-Lussemburgu tiġi stralċjata u li l-programmi ġestiti minnha attwalment jittieħdu minn aġenziji eżekuttivi bbażati fi Brussell sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni l-aktar effiċjenti tal-programmi tal-Unjoni. Din l-akkwiżizzjoni tqis il-livell importanti ta' sinerġiji u effiċjenzi li jstgħu jinkisbu billi jinġabru programmi simili fl-istess aġenzija, flimkien mal-importanza ppruvata tal-prossimità tal-korp ta' implimentazzjoni għas-servizzi tal-Kummissjoni, li jippermetti portafolli ta' aġenziji aktar koerenti, daqs effiċjenti tal-aġenziji kollha, kif ukoll il-possibbiltà li jiġu żviluppati sinerġiji bejn l-aġenziji, kemm fil-ġestjoni tal-programmi kif ukoll fil-funzjonijiet amministrattivi. Jenħtieġ li jittieħdu miżuri speċifiċi għall-persunal affettwat minn dan l-istralċ.
- (11) Sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel tal-attivitajiet bejn l-aġenziji eżekuttivi u l-bidu rapidu tal-implimentazzjoni, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali, li se tkun aġenzija ġdida, jenħtieġ li tiġi stabbilita qabel it-trasferiment attwali tal-persunal, tal-programmi u tal-assi lejha. Dan għandu jippermetti li l-ħidma preparatorja meħtieġa biex titwaqqaf l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali, ssir f'waqtha qabel ma l-aġenzija tiegħu fidejha l-attivitajiet ta' implimentazzjoni.
- (12) L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent jenħtieġ li tiġi fdata b'portafoll li jagħtiha fokus ċar bħala aġenzija ambjentali u klimatika, jiġifieri l-programm LIFE, il-Fond għall-Innovazzjoni, l-attivitajiet infrastrutturali taħt l-FNE (Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa)-Trasport u l-FNE-Enerġija, ir-raggruppament 5 ta' Orizzont Ewropa relatat mal-klima, l-enerġija u l-mobilità, il-faċilità ta' self għas-settur pubbliku taħt il-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura.

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/801/UE tat-23 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Networks u li tħassar id-Deċiżjoni 2007/60/KE kif emendata bid-Deċiżjoni 2008/593/KE (ĠU L 352, 24.12.2013, p. 65).

⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/771/UE tas-17 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2004/20/KE u 2007/372/KE (ĠU L 341, 18.12.2013, p. 73).

⁽⁵⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/778/UE tat-13 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2008/46/KE (ĠU L 346, 20.12.2013, p. 54).

⁽⁶⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/779/UE tas-17 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2008/37/KE (ĠU L 346, 20.12.2013, p. 58).

⁽⁷⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/776/UE tat-18 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi "L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura" u li tħassar id-Deċiżjoni 2009/336/KE (ĠU L 343, 19.12.2013, p. 46).

⁽⁸⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/770/UE tas-17 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Konsumaturi, is-Saħħa u l-Ikel u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2004/858/KE (ĠU L 341, 18.12.2013, p. 69) kif emendata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/927/UE tas-17 ta' Diċembru 2014 sabiex l-"Aġenzija Eżekuttiva tal-Konsumaturi, is-Saħħa u l-Ikel" tiġi ttrasformata f'"L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agrikoltura u l-Ikel". (ĠU L 363, 18.12.2014, p. 183).

⁽⁹⁾ C(2020) 2880 final.

- (13) L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali jenħtieġ li tkun iddedikata għall-attivitajiet kollha marbuta mas-saħħa, inkluż il-programm il-ġdid l-UE għas-Saħħa, il-parti tar-riċerka dwar is-saħħa tal-programm Orizzont Ewropa, u l-komponenti tas-saħħa tal-Programm tas-Suq Uniku. L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali jenħtieġ li tiġbor ukoll il-programmi diġitali inklużi dawk li jimmiraw l-industrija u l-ispazju, biex tiżgura l-introduzzjoni tal-Ewropa fl-era diġitali.
- (14) L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka jenħtieġ li tiġbor flimkien partijiet differenti tal-programm Orizzont Ewropa biex tiżgura l-konsistenza tematika fl-istruttura l-ġdida ta' dan il-programm. L-enfasi jenħtieġ li jibqa' fuq l-attivitajiet ta' riċerka, biż-żieda tal-Programm ta' Miżuri għall-Promozzjoni Agrikola.
- (15) Jenħtieġ li l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u għall-SMEs tiżgura enfasi ċara fuq l-innovazzjoni u s-suq uniku. Jenħtieġ li l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u għall-SMEs toħloq sinerġiji b'saħħithom biex tappoġġa l-irkupru tal-ekonomija Ewropea, billi tgħaqqad f'aġenzija waħda l-attivitajiet kollha tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (European Innovation Council, EIC) u l-programmi marbuta ma' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. L-EIC u l-Investimenti Interreġjonali fl-Innovazzjoni se jiżguraw il-viżibbiltà għall-innovazzjoni, li hija essenzjali biex jiġu appoġġati l-modernizzazzjoni u s-sostenibbiltà tal-ekonomija tal-UE.
- (16) Bħala struttura ddedikata għall-implimentazzjoni tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tar-Riċerka jenħtieġ li żżomm l-attenzjoni tagħha fuq l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka taħt Orizzont Ewropa.
- (17) Jenħtieġ li l-enfasi tematiku tal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura jibqa' fuq attivitajiet edukattivi u kreattivi kif ukoll fuq proġetti qrib iċ-ċittadini tal-Unjoni.
- (18) Sabiex jinħolqu sinerġiji u effiċjenzi, jenħtieġ li jkun possibbli għal kull aġenzija li timplimenta finanzjament ipprovdut minn programmi oħra tal-Unjoni, jew partijiet minnhom, flimkien ma' finanzjament diġà fdat lill-aġenzija, fejn tali forniment ta' finanzjament addizzjonali huwa previst fl-atti bażiċi rispettivi tal-programmi tal-Unjoni. Bl-istess mod, jenħtieġ li jkun possibbli għal kull aġenzija li timplimenta finanzjament trasferit minn fondi taħt ġestjoni kondiviża, fejn dan ikun previst fl-att bażiku. L-implimentazzjoni ta' tali fondi jenħtieġ li ssir abbażi tal-programmi ta' ħidma rilevanti u soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti fl-istrumenti ta' delega.
- (19) Barra minn hekk, l-aġenziji jenħtieġ li jitħallew jimplementaw proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁰⁾, soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti fl-istrumenti ta' delega.
- (20) L-aġenziji huma mħeġġa jkomplu jiffaċilitaw is-sinerġiji u l-effiċjenzi permezz tal-akkomunament tar-riżorsi, il-kooperazzjoni msaħħa, l-użu estensiv ta' ftehmiet dwar il-livell ta' servizz u jstabbilizzaw in-nefqa mhux relatata mas-salarji billi jnaqqsu l-kostijiet permezz tal-implimentazzjoni ta' modi ġodda ta' ħidma, bħat-telexogħol.
- (21) Jenħtieġ li jkun possibbli li l-kompiti speċifiċi tal-implimentazzjoni tal-programmi jinġabru flimkien għal bosta programmi f'aġenziji speċifiċi, li jaġixxu bħala servizzi ta' appoġġ amministrattiv u loġistiku għall-programmi kkonċernati.
- (22) Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità fil-ħidma ta' kull aġenzija sat-tlestija effettiva tal-programm(i) delegat(i) lilha, jenħtieġ li t-tul tal-ħajja tal-aġenziji stabbiliti b'din id-Deċiżjoni, jaqbeż dak tal-qafas finanzjarju pluriennali b'sena. Abbażi tal-evalwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 25 tar-Regolament (KE) Nru 58/2003, inkluża analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji li tqabbel ir-riżultati tal-analiżi *ex-ante* tal-ispejjeż u l-benefiċċji mwettqa skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 58/2003 mal-implimentazzjoni effettiva, il-Kummissjoni tista' tippreżenta proposta biex testendi l-ħajja ta' aġenzija waħda jew aktar sa tliet snin biex tippermetti l-għeluq tal-programmi delegati.

⁽¹⁰⁾ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

- (23) Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni konsistenti ta' din id-Deċiżjoni u tal-programmi kkonċernati, huwa meħtieġ li jiġi żgurati li l-aġenziji jwettqu l-kompiti tagħhom marbuta mal-implimentazzjoni ta' dawn il-programmi mid-data li fiha dawn il-programmi jidħlu fis-seħħ u soġġetti għal din id-data.
- (24) Fir-rigward tat-teħid ta' programm minn aġenzija għal oħra, l-aġenzija stabbilita b'din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tiġi surrogata fid-drittijiet u l-obbligi tal-aġenzija li tgħaddi dan il-programm, inkluż fir-rigward tal-implimentazzjoni kuntrattwali u baġitarja tal-programm ikkonċernat. Il-persunal responsabbli għall-programm ikkonċernat jenħtieġ li jiġi trasferit lill-aġenzija stabbilita b'din id-Deċiżjoni mingħajr ebda ħsara għad-drittijiet u l-obbligi tagħhom.
- (25) Jenħtieġ li l-evalwazzjoni dwar l-operat ta' kull aġenzija msemmija fl-Artikolu 25 tar-Regolament (KE) Nru 58/2003 ssir b'mod koordinat. Il-perjodu ta' evalwazzjoni msemmi għall-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent, għall-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali, għall-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka, għall-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u għall-SMEs, għall-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tar-Riċerka, u għall-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura, jenħtieġ li jibda mid-data tal-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni. L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agricoltura u l-Ikel, l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Networks, l-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka, dik li qabel kienet l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka, l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura u l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħira u Medji jenħtieġ li jiġu evalwati b'mod koordinat għall-perjodu li jifdal tal-mandati tal-2014-2020 tal-aġenziji eżekuttivi li għadu ma ġiex evalwat. Jenħtieġ li l-evalwazzjonijiet li jkopru l-mandati tal-2021-2027 janalizzaw, fost affarijiet oħra, il-kisba tal-iffrankar u ż-żieda fil-produttività assunti mill-analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji mwettqa skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 58/2003. Jenħtieġ li dawn l-evalwazzjonijiet jiġu ppreżentati lill-Kumitati ta' Tmexxija tal-aġenziji eżekuttivi, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Qorti tal-Awdituri.
- (26) Wara r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri fir-Rapport Speċjali tagħha 14/2014 ⁽¹⁾, jenħtieġ li l-aġenziji eżekuttivi jimplimentaw ir-Regolament (KE) Nru 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ u japplikaw għar-reġistrazzjoni skont l-iskema tal-Unjoni ta' ġestjoni u verifika ambjentali (eco-management and audit scheme, EMAS). Skont il-politika tal-Patt Ekoloġiku tal-Kummissjoni ⁽³⁾, l-aġenziji eżekuttivi huma mħeġġa jingħaqdu mal-isforzi tal-Kummissjoni biex isiru newtrali għall-klima sal-2030.
- (27) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Aġenziji Eżekuttivi stabbilit bl-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 58/2003,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

TAQSIMA I

DISPOŻIZZJONIJET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi l-aġenziji eżekuttivi li jimplimentaw il-programmi tal-Unjoni fil-qafas finanzjarju pluriennali ("QFP") 2021-2027, tiddetermina l-kompiti u l-portafolli tagħhom u r-regoli operattivi ġenerali u tistabbilixxi l-qafas legali għat-tranżizzjoni bejn l-aġenziji u bejn il-Kummissjoni u l-aġenziji.

⁽¹⁾ Ir-Rapport Speċjali Nru 14/2014 L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE kif jikkalkolaw, inaqqsu u jpaċu l-emissjonijiet tagħhom ta' gassijiet serra?, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

⁽²⁾ Ir-Regolament (KE) 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-parteċipazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fi skema Komunitarja ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS) li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 761/2001 u d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2001/681/KE u 2006/193/KE.

⁽³⁾ Il-Komunikazzjoni COM(2019)640 tal-Kummissjoni Ewropea lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.

*Artikolu 2***Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) "servizzi ta' appoġġ amministrattiv u loġistiku ġenerali" tfisser servizzi ta' appoġġ relatati mal-implimentazzjoni ta' bosta programmi, li huma ċentralizzati f'aġenzija eżekuttiva waħda jew aktar;
- (b) "legat" tfisser attivitajiet residwi li jirriżultaw mill-impenji mill-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni taħt il-QFP 2014-2020 u l-perjodi preċedenti tal-QFP.

TAQSIMA II

STABILIMENT, KOMPITI U PORTAFOLLI*Artikolu 3***Stabiliment u terminu**

1. L-Aġenziji li ġejjin huma stabbiliti mill-1 ta' April 2021 sal-31 ta' Diċembru 2028:
 - (a) l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent;
 - (b) l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka;
 - (c) l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u għall-SMEs;
 - (d) l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura;
 - (e) l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tar-Riċerka.
2. L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali hija stabbilita mis-16 ta' Frar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2028.

*Artikolu 4***Lokalità**

L-aġenziji għandhom ikunu fi Brussell.

*Artikolu 5***Kompiti**

L-aġenziji għandhom ikunu responsabbli għall-kompiti li ġejjin relatati mal-implimentazzjoni tal-partijiet tal-programmi u mal-attivitajiet tal-Unjoni delegati lilhom:

- (a) jiġġestixxu xi stadji tal-implimentazzjoni tal-programm, jew l-istadji kollha, u xi fażijiet tul il-ħajja ta' proġetti speċifiċi, jew il-fażijiet kollha, fuq il-bażi tal-programmi ta' ħidma adottati mill-Kummissjoni;
- (b) jiġġestixxu proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, jekk applikabbli;
- (c) jipprovdu servizzi ta' appoġġ amministrattiv u loġistiku ġenerali, jekk applikabbli;
- (d) jadottaw l-istrumenti tal-eżekuzzjoni tal-baġit għad-dħul u l-infiq u jwettqu l-operazzjonijiet kollha meħtieġa għall-ġestjoni tal-programmi u l-attivitajiet;
- (e) jipprovdu informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-programm biex jappoġġaw lill-Kummissjoni fil-kompiti tagħha ta' tfassil ta' politika;

(f) jimplimentaw il-finanzjament meta jkun fdat lilhom:

- minn programmi oħra tal-Unjoni, jew partijiet minnhom, meta l-att li jstabilixxi programm li l-implimentazzjoni tiegħu tkun diġà fdata lil dik l-aġenzija, jipprevedi l-possibbiltà li jiżdied il-finanzjament għal dak il-programm, jew għal partijiet minnu, abbażi tal-programm jew programmi ta' ħidma rilevanti u skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-istrument tad-delega;
- trasferiti minn fondi taħt ġestjoni kondiviża meta l-att li jstabilixxi l-programm li l-implimentazzjoni tiegħu diġà hija fdata lil dik l-aġenzija, jipprevedi tali trasferiment għal dak il-programm, jew partijiet minnu, abbażi tal-programm jew programmi ta' ħidma rilevanti u skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-istrument ta' delega.

Artikolu 6

Il-programmi delegati tal-Unjoni tal-QFP tal-2021-2027

1. L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent għandha tiġi fdata bl-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni (jew partijiet minnhom) li ġejjin:

- (a) Il-Fond għall-Innovazzjoni ⁽¹⁴⁾;
- (b) Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa: it-Trasport (inklużi l-mobilità militari u l-kontribuzzjoni tal-Fond ta' Koeżjoni) u l-Enerġija;
- (c) Orizzont Ewropa: Pilastru II, raggruppament 5: Klima, enerġija u mobilità;
- (d) LIFE: In-Natura u l-bijodiversità; L-ekonomija ċirkolari u kwalità tal-ħajja; Il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih; It-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa;
- (e) Il-mekkaniżmu ta' Finanzjament tal-Enerġija Rinnovabbli ⁽¹⁵⁾;
- (f) Il-faċilità ta' self tas-settur pubbliku, taħt il-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta;
- (g) Il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (ġestjoni diretta) u kontribuzzjonijiet obligatorji għall-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (Regional Fisheries Management Organisations, RFMOs) u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra.

2. L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali għandha tiġi fdata bl-implimentazzjoni tal-programmi (jew partijiet minnhom) tal-Unjoni li ġejjin:

- (a) Il-programm l-UE għas-Saħħa;
- (b) Orizzont Ewropa: Pilastru II, Raggruppament 1: is-Saħħa;
- (c) Il-Programm tas-Suq Uniku: is-sikurezza tal-ikel: is-saħħa għall-bnedmin, l-annimali u l-pjanti tul il-katina alimentari u taħriġ aħjar għal iżjed sikurezza fl-ikel;
- (d) Il-Programm Ewropa Diġitali;
- (e) Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa: Diġitali;
- (f) Orizzont Ewropa: Pilastru II, Raggruppament 4: Diġitali, industrijali u spazjali.

3. L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka għandha tiġi fdata bl-implimentazzjoni tal-programmi (jew partijiet minnhom) tal-Unjoni li ġejjin:

- (a) Orizzont Ewropa: Pilastru I: L-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA) u Infrastrutturi ta' Riċerka;
- (b) Orizzont Ewropa: Pilastru II, Raggruppament 2: Kultura, Kreattività u Soċjetà Inklużiva; Raggruppament 3: Sigurtà Ċivili għas-Soċjetà; u Raggruppament 6: Ikel, Bijoeconomija, Riżorsi Naturali, Agrikoltura u Ambjent;
- (c) Orizzont Ewropa: Il-parti "Twessigħ tal-parteċipazzjoni u tisħiħ taż-Żona Ewropea tar-Riċerka": "Tixrid tal-eċċellenza u twessigħ tal-parteċipazzjoni"; "Riforma u titjib tas-Sistema tar-Riċerka u l-Innovazzjoni Ewropea";

⁽¹⁴⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/856 tas-26 ta' Frar 2019 li jissupplimenta d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-operat tal-Fond għall-Innovazzjoni (ĠU L 140, 28.5.2019, p. 6).

⁽¹⁵⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1294 tal-15 ta' Settembru 2020 dwar il-mekkaniżmu ta' finanzjament tal-enerġija rinnovabbli tal-Unjoni (ĠU L 303, 17.9.2020, p. 1).

- (d) Azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni rigward prodotti agrikoli ⁽¹⁶⁾;
- (e) Il-Programm ta' Riċerka tal-Fond Ewropew għar-Riċerka dwar il-Faħam u l-Azzar ⁽¹⁷⁾.
4. Barra minn hekk, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka għandha tkun responsabbli għas-servizzi ta' appoġġ amministrattiv u loġistiku ġenerali, b'mod partikolari:
- (a) is-Servizz Ċentrali tal-Validazzjoni (SEDIA);
- (b) l-ippjanar tas-sejħiet għall-programmi u s-servizzi kollha li jipparteċipaw fl-eGrants;
- (c) il-ġestjoni esperta.
5. L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u għall-SMEs għandha tiġi fdata bl-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni (partijiet minnhom) li ġejjin:
- (a) Orizzont Ewropa, pilastru III: il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (European Innovation Council, EIC) u l-Ekosistemi Ewropej tal-Innovazzjoni;
- (b) L-Investimenti Interreġjonali fl-Innovazzjoni;
- (c) Il-Programm tas-Suq Uniku: COSME; Is-suq intern; l-appoġġ għall-istandardizzazzjoni; u l-Konsumaturi.
6. L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura għandha tiġi fdata bl-implimentazzjoni tal-programmi (jew partijiet minnhom) tal-Unjoni li ġejjin:
- (a) Ewropa Kreattiva;
- (b) Erasmus;
- (c) Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà;
- (d) Iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri;
- (e) L-istrument ta' viċinat, ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp u ta' kooperazzjoni internazzjonali (Neighbourhood, development and international cooperation instrument, NDICI);
- (f) L-istrument għall-assistenza ta' qabel l-adeżjoni (IPA III).
7. L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tar-Riċerka għandha tiġi fdata bl-implimentazzjoni tal-parti li ġejja ta' Orizzont Ewropa: Orizzont Ewropa, pilastru I: il-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (European Research Council, ERC).
8. Il-paragrafi minn (1) sa (7) għandhom japplikaw mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' kull wieħed minn dawn il-programmi u soġġetti għal din id-data.

Artikolu 7

Legat

1. L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent għandha tiġi fdata bl-implimentazzjoni tal-legat tal-programmi (jew partijiet minnhom) tal-Unjoni li ġejjin:
- (a) Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa: Enerġija u Trasport (inkluża l-kontribuzzjoni tal-Fond ta' Koeżjoni) ⁽¹⁸⁾, li skont il-QFP tal-2014-2020 ġiet implimentata mill-aġenzija eżekuttiva stabbilita bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/801/UE (l-"Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Networks");

⁽¹⁶⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1144/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni rigward prodotti agrikoli implimentati fis-suq intern u fpajjiżi terzi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3/2008 (ĠU L 317, 4.11.2014, p. 56).

⁽¹⁷⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/376/KE tad-29 ta' April 2008 dwar l-adozzjoni tal-Programm ta' Riċerka tal-Fond Ewropew għar-Riċerka dwar il-Faħam u l-Azzar u dwar il-linji gwida tekniċi pluriennali għal dan il-programm (ĠU L 130, 20.5.2008, p. 7).

⁽¹⁸⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129).

- (b) Orizzont 2020: Parti III: L-isfida soċjetali 3: Enerġija sigura, nadifa u effiċjenti ⁽¹⁹⁾, li skont il-QFP tal-2014-2020 ġiet implimentata mill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Networks, l-aġenzija eżekuttiva stabbilita bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/771/UE (l-"Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji") u mill-Kummissjoni;
- (c) Orizzont 2020: Parti III: Sfida tas-soċjetà 4: Trasport intelliġenti, ekoloġiku u integrat, li skont il-QFP tal-2014-2020 ġiet implimentata mill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Networks u mill-Kummissjoni;
- (d) Orizzont 2020: Parti III: Sfida tas-soċjetà 5: Azzjoni klimatika, Ambjent, effiċjenza fir-riżorsi u materja prima, li skont il-QFP tal-2014-2020 ġiet implimentata mill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji u mill-Kummissjoni;
- (e) LIFE: L-Azzjoni Klimatika u l-Ambjent ⁽²⁰⁾, li skont il-QFP tal-2014-2020 ġiet implimentata mill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji;
- (f) Il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd ⁽²¹⁾, li taħt il-QFP tal-2014-2020 ġie implimentat mill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji.

2. L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali għandha tiġi fdata bl-implimentazzjoni tal-legalat tal-programmi (jew partijiet minnhom) tal-Unjoni li ġejjin:

- (a) Orizzont 2020: Parti III: Sfida tas-Soċjetà 1: Is-saħħa, it-tibdil demografiku u l-benesseri, li skont il-QFP tal-2014-2020 ġiet implimentata mill-Kummissjoni;
- (b) Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa: It-Telekomunikazzjoni ⁽²²⁾, li skont il-QFP tal-2014-2020 ġiet implimentata mill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Networks u mill-Kummissjoni;
- (c) Orizzont 2020: Parti II: l-objettiv speċifiku "Tmexxija fit-teknoloġiji abilitanti u industrijali (LEIT)" - ICT, NMBP, spazju ⁽²³⁾, li skont il-QFP tal-2014-2020 ġie implimentat mill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji, l-aġenzija eżekuttiva stabbilita bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/778/UE (l-"Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka") u mill-Kummissjoni;
- (d) Orizzont 2020: Parti III: Sfida tas-soċjetà 5: Azzjoni klimatika, Ambjent, effiċjenza fir-riżorsi u materja prima, li skont il-QFP 2014-2020 ġiet implimentata mill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji u mill-Kummissjoni;

⁽¹⁹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabilixxi Orizzont 2020 – Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104); Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabilixxi l-programm speċifiku li jimplementa Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

⁽²⁰⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-istabbiliment ta' Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 614/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 185).

⁽²¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2328/2003, (KE) Nru 861/2006, (KE) Nru 1198/2006 u (KE) Nru 791/2007 (UE) u r-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 149, 20.5.2014, p. 1).

⁽²²⁾ Ir-Regolament (UE) 1953/2017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2017 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014 fir-rigward tal-promozzjoni tal-konnettività tal-internet fil-komunitajiet lokali (ĠU L 286, 1.11.2017, p. 1); Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129).

⁽²³⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabilixxi Orizzont 2020 – Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104); Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabilixxi l-programm speċifiku li jimplementa Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

- (e) FP7: It-tema “spazju” tal-programm speċifiku kooperazzjoni tas-Seba’ Programm Kwadru ⁽²⁴⁾, li skont il-QFP tal-2014-2020 ġiet implimentata mill-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka;
- (f) il-Qafas finanzjarju komuni fil-qasam tas-sikurezza tal-ikel u l-għalf inkluż Taħriġ Imtejjeb għal Iżjed Sikurezza fl-Ikel ⁽²⁵⁾, li skont il-QFP tal-2014-2020 ġie implimentat mill-aġenzija eżekuttiva stabbilita bid-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/770/UE ⁽²⁶⁾ (l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agricoltura u l-Ikel);
- (g) it-tielet Programm għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa (2014-2020) ⁽²⁷⁾, li skont il-QFP tal-2014-2020 ġie implimentat mill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agricoltura u l-Ikel ,u mill-Kummissjoni.

3. L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka għandha tiġi fdata bl-implimentazzjoni tal-legat tal-programmi (jew partijiet minnhom) tal-Unjoni li ġejjin:

- (a) Orizzont 2020: Parti I: l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie u l-Infrastrutturi tar-Riċerka ⁽²⁸⁾, li skont il-QFP tal-2014-2020 ġew implimentati mill-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka u mill-Kummissjoni;
- (b) Orizzont 2020: Parti III: Sfida tas-Soċjetà 2: Is-sigurtà tal-ikel, l-agricoltura u l-forestrija sostenibbli, ir-riċerka tal-baħar, dik marittima u tal-ilmijiet interni u l-bijoeconomija; Sfida tas-Soċjetà 5: L-azzjoni klimatika, l-Ambjent, l-effiċjenza fir-riżorsi u l-materja prima; Sfida tas-Soċjetà 6: L-Ewropa f’dinja dejjem tinbidel - Soċjetajiet inklużivi, innovattivi u riflessivi; Sfida tas-Soċjetà 7: Soċjetajiet Siguri - il-Protezzjoni tal-libertà u tas-sigurtà tal-Ewropa u taċ-ċittadini tagħha, li skont il-QFP tal-2014-2020 ġew implimentati mill-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka , l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji u mill-Kummissjoni;
- (c) Orizzont 2020: Parti IV: It-tixrid tal-eċċellenza u t-tweżigh tal-parteċipazzjoni, li skont il-QFP tal-2014-2020 ġiet implimentata mill-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka u mill-Kummissjoni;
- (d) Orizzont 2020: Parti V: Ix-xjenza mas-soċjetà u għas-soċjetà, li skont il-QFP tal-2014-2020 ġiet implimentata mill-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka u mill-Kummissjoni;
- (e) FP7: l-azzjonijiet “Riċerka għall-SMEs” u “riċerka għall-assoċjazzjonijiet tal-SMEs tal-Kapaċitajiet tal-Programm Speċifiku” ⁽²⁹⁾, li skont il-QFP tal-2014-2020 ġew implimentati mill-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka;

⁽²⁴⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/971/KE tad-19 ta’ Diċembru 2006 dwar il-programm speċifiku “Kooperazzjoni” li jimplementa s-Seba’ Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta’ riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007–2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86).

⁽²⁵⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 652/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Mejju 2014 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa marbuta mal-katina alimentari, mas-saħħa tal-annimali u mat-trattament xieraq tal-annimali u marbuta mas-saħħa tal-pjanti u mal-materjal riproduttiv tal-pjanti, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 98/56/KE, 2000/29/KE u 2008/90/KE, ir-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 882/2004 u (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 66/399/KEE, 76/894/KEE u 2009/470/KE (ĠU L 189, 27.6.2014, p. 1).

⁽²⁶⁾ Emendat bid-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/927/UE tas-17 ta’ Diċembru 2014 sabiex “L-Aġenzija Eżekuttiva tal-Konsumatur, is-Saħħa, u l-Ikel” tiġi ttrasformata fl-“Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agricoltura u l-Ikel”(ĠU L 363, 18.12.2014, p. 183).

⁽²⁷⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 282/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Marzu 2014 dwar it-twaqqif tat-tielet Programm għal azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1350/2007/KE (ĠU L 86, 21.3.2014, p. 1).

⁽²⁸⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104); Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta’ Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplementa Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

⁽²⁹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/974/KE tad-19 ta’ Diċembru 2006 dwar il-programm speċifiku “Kapaċitajiet” li jimplementa s-Seba’ Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għal attivitajiet ta’ riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007–2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 299).

- (f) FP7: it-tema "Sigurtà" tal-programm speċifiku kooperazzjoni tas-Seba' Programm Kwadru ⁽³⁰⁾, li skont il-QFP tal-2014-2020 għe implimentat mill-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka;
- (g) Il-Programm Speċifiku FP7 "Nies" ⁽³¹⁾, li skont il-QFP tal-2014-2020 għe implimentat mill-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka;
- (h) Azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni rigward prodotti agrikoli ⁽³²⁾, li skont il-QFP tal-2014-2020 għew implimentati mill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agricoltura u l-Ikel;
- (i) Il-Programm ta' Riċerka tal-Fond Ewropew għar-Riċerka dwar il-Faħam u l-Azzar ⁽³³⁾, li skont il-QFP tal-2014-2020 għe implimentat mill-Kummissjoni.

4. L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u għall-SMEs għandha tiġi fdata bl-implimentazzjoni tal-legat tal-programmi (jew partijiet minnhom) tal-Unjoni li ġejjin:

- (a) Orizzont 2020: Parti I: Teknoloġiji futuri u emerġenti TFE-Miftuħa u TFE-Proattivi (inkluż meta ttikkettjati bħala pilota EIC) ⁽³⁴⁾, li skont il-QFP tal-2014-2020 għet implimentata mill-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka u mill-Kummissjoni;
- (b) Orizzont 2020: Parti II: L-Aċċess għall-Finanzjament ta' Riskju (inkluż il-Premji ta' inċentiv tal-EIC) u l-Innovazzjoni fl-SMEs, li skont il-QFP tal-2014-2020 għet implimentata mill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji u mill-Kummissjoni;
- (c) Orizzont 2020: Parti II u III: Rotta Rapida lejn l-Innovazzjoni (FTI), li skont il-QFP tal-2014-2020 għet implimentata mill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji u mill-Kummissjoni;
- (d) Orizzont 2020: Parti II u III: L-istrument għall-SMEs, li taħt il-QFP tal-2014-2020 għe implimentat mill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji u mill-Kummissjoni;
- (e) premijiet oħrajn relatati mal-EIC, bħall-iCapital (H2020 SC 6 WP) u l-Premju għall-innovaturi nisa (H2020 SWAFs WP), li skont il-QFP tal-2014-2020 għew implimentati mill-Kummissjoni;
- (f) kwalunkwe attività oħra koperta mill-2018 taħt il-parti pilota tal-EIC tal-Programm ta' Ħidma Orizzont 2020 dwar l-SMEs Innovattivi, li taħt il-QFP tal-2014-2020 għet implimentata mill-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka, mill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji u mill-Kummissjoni;
- (g) COSME u l-Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (Competitiveness and Innovation Framework Programme, CIP) ⁽³⁵⁾, li skont il-QFP tal-2014-2020 għew implimentati mill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji;
- (h) Is-Suq Intern u l-appoġġ għall-attivitatiet ta' Standardizzazzjoni ⁽³⁶⁾, li skont il-QFP tal-2014-2020 għew implimentati mill-Kummissjoni;

⁽³⁰⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/971/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku "Kooperazzjoni" li jimplementa s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għal attivitatiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86).

⁽³¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/973/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-programm speċifiku "Nies" li jimplementa s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitatiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 270).

⁽³²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1144/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni rigward prodotti agrikoli implimentati fis-suq intern u f'pajjiżi terzi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3/2008 (ĠU L 317, 4.11.2014, p. 56).

⁽³³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/376/KE tad-29 ta' April 2008 dwar l-adozzjoni tal-Programm ta' Riċerka tal-Fond Ewropew għar-Riċerka dwar il-Faħam u l-Azzar u dwar il-linji gwida tekniċi pluriennali għal dan il-programm (ĠU L 130, 20.5.2008, p. 7).

⁽³⁴⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104); Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplementa Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

⁽³⁵⁾ Ir-Regolament Nru 1287/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (COSME) (2014-2020) u jħassar id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 33).

⁽³⁶⁾ L-implimentazzjoni ta' dawn l-attivitatiet hija koperta mid-deċiżjonijiet ta' finanzjament li ġejjin: C(2019)8928 tas-17/12/2019 għall-2020, C(2019)76 tas-16/01/2019 għall-2019, C(2017)7379 tad-09/11/2017 għall-2018, C(2017)204 tat-23/01/2017 għall-2017, C(2015)8547 tas-07/12/2015 għall-2016.

(i) Il-programm tal-Konsumatur ⁽³⁷⁾, li skont il-QFP tal-2014-2020 ġie implimentat mill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agricoltura u l-Ikel.

5. L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura għandha tiġi fdata bl-implimentazzjoni tal-legat tal-programmi (partijiet minnhom) tal-Unjoni li ġejjin:

(a) Ewropa Kreattiva ⁽³⁸⁾, li skont il-QFP tal-2014-2020 ġie implimentat mill-aġenzija eżekuttiva stabbilita bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/776/UE ("Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura");

(b) Erasmus + ⁽³⁹⁾, li taħt il-QFP tal-2014-2020 ġie implimentat mill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura;

(c) Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà ⁽⁴⁰⁾, li taħt il-QFP tal-2014-2020 ġie implimentat mill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura;

(d) L-Ewropa għaċ-Ċittadini ⁽⁴¹⁾, li taħt il-QFP tal-2014-2020 ġie implimentat mill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura;

(e) Il-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE ⁽⁴²⁾, li skont il-QFP tal-2014-2020 ġiet implimentata mill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura u mill-Kummissjoni;

(f) I-Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) ⁽⁴³⁾, li minnu l-kontribuzzjoni għall-Erasmus+ skont il-QFP tal-2014-2020 ġiet implimentata mill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura u mill-Kummissjoni;

(g) I-Strument Ewropew ta' Viċinat ⁽⁴⁴⁾, li minnu l-kontribuzzjoni għal Erasmus+ skont il-QFP tal-2014-2020 ġiet implimentata mill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura u mill-Kummissjoni;

(h) I-Strument għall-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp ⁽⁴⁵⁾, li minnu l-kontribuzzjoni għal Erasmus+ skont il-QFP tal-2014-2020 ġiet implimentata mill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura u mill-Kummissjoni;

(i) I-Strument ta' Sħubija għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi ⁽⁴⁶⁾, li minnu l-kontribuzzjoni għal Erasmus+ skont il-QFP tal-2014-2020 ġiet implimentata mill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura u mill-Kummissjoni;

(j) l-10 u l-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp ⁽⁴⁷⁾, li minnhom il-kontribuzzjoni għal Erasmus+ skont il-QFP tal-2014-2020 ġiet implimentata mill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura;

⁽³⁷⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 254/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar programm pluriennali tal-konsumaturi għas-snin 2014-20 u li jħassar id-Deċiżjoni (KE) Nru 1926/2006/KE (ĠU L 84, 20.3.2014, p. 42).

⁽³⁸⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2014 sa 2020) u li jirrevoka d-Deċiżjonijiet Nru 1718/2006/KE, Nru 1855/2006/KE and Nru 1041/2009/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 221).

⁽³⁹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi "Erasmus+": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażaġh u l-isport u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 1719/2006/KE, Nru 1720/2006/KE u Nru 1298/2008/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 50).

⁽⁴⁰⁾ Ir-Regolament (UE) 2018/1475 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Ottubru 2018 li jstabbilixxi l-qafas legali tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1288/2013, ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 u d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE (ĠU L 250, 04.10.2018, p. 1).

⁽⁴¹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 390/2014 tal-14 ta' April 2014 li jstabbilixxi l-programm "L-Ewropa għaċ-Ċittadini" għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 115, 17.04.2014, p. 3).

⁽⁴²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 375/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 li jstabbilixxi Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja (l-"Inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE") (ĠU L 122, 24.04.2014, p. 1).

⁽⁴³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 447/2014 tat-2 ta' Mejju 2014 dwar ir-regoli sepcifiċi tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (ĠU L 132, 3.5.2014, p. 32).

⁽⁴⁴⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 232/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jstabbilixxi Strument Ewropew tal-Viċinat (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 27).

⁽⁴⁵⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jstabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

⁽⁴⁶⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 234/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jstabbilixxi Strument ta' Sħubija għal kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 77).

⁽⁴⁷⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 617/2007 tal-14 ta' Mejju 2007 dwar l-implimentazzjoni tal-10 Fond Ewropew għall-Iżvilupp taħt il-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE (ĠU L 152, 13.6.2007, p. 1); Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/322 tat-2 ta' Marzu 2015 dwar l-implimentazzjoni tal-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (ĠU L 58, 3.3.2015, p. 1).

- (k) il-programmi li ġejjin li qabel kienu fdati lill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura fil-perjodu 2000-2013:
- (i) il-programm ta' kooperazzjoni mal-Istati Uniti tal-Amerika fil-qasam tal-edukazzjoni għolja u l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (2006-2013) ⁽⁴⁸⁾;
 - (ii) il-ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Kanada li jstabbilixxi qafas ta' kooperazzjoni fl-oqsma tal-edukazzjoni għolja, it-taħriġ u ż-żgħażaġh (2006-2013) ⁽⁴⁹⁾;
 - (iii) il-programm ta' azzjoni fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja (2007-2013) ⁽⁵⁰⁾;
 - (iv) il-programm "Kultura" (2007-2013) ⁽⁵¹⁾;
 - (v) il-programm "l-Ewropa għaċ-Ċittadini" għall-promozzjoni ta' ċittadinanza Ewropea attiva (2007-2013) ⁽⁵²⁾;
 - (vi) il-programm "Żgħażaġħ fl-Azzjoni" (2007-2013) ⁽⁵³⁾;
 - (vii) il-programm ta' appoġġ għas-settur awdjoviżiv Ewropew (MEDIA 2007) (2007-2013) ⁽⁵⁴⁾;
 - (viii) il-programm ta' azzjoni Erasmus Mundus (II) 2009-2013 għat-tisħiħ tal-kwalità fl-edukazzjoni ogħla u l-promozzjoni ta' fehim interkulturali permezz ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi ⁽⁵⁵⁾;
 - (ix) il-programm ta' kooperazzjoni fis-settur awdjoviżiv ma' professjonisti minn pajjiżi terzi (MEDIA Mundus) (2011-2013) ⁽⁵⁶⁾;
 - (x) proġetti fil-qasam tal-edukazzjoni għolja eliġibbli għall-finanzjament skont id-dispożizzjonijiet dwar l-għajjnuna għall-kooperazzjoni ekonomika mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-Asja ⁽⁵⁷⁾;
 - (xi) proġetti fl-oqsma tal-edukazzjoni għolja u ż-żgħażaġh eliġibbli għall-finanzjament skont id-dispożizzjonijiet tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) ⁽⁵⁸⁾;

⁽⁴⁸⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/910/KE li tistabbilixxi proġetti eliġibbli għall-finanzjament skont id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika li jġedded il-programm ta' kooperazzjoni fil-qasam tal-edukazzjoni għolja u l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (2006-2013) (ĠU L 346, 9.12.2006, p. 33).

⁽⁴⁹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/964/KE li tistabbilixxi proġetti eliġibbli għall-finanzjament taħt id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Kanada li jstabbilixxi qafas ta' kooperazzjoni fl-oqsma tal-edukazzjoni għolja, it-taħriġ u ż-żgħażaġh (2006-2013) (ĠU L 397, 30.12.2006, p. 14).

⁽⁵⁰⁾ Id-Deċiżjoni Nru 1720/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi programm ta' azzjoni fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja (2007-2013) (ĠU L 327, 24.11.2006, p. 45).

⁽⁵¹⁾ Id-Deċiżjoni Nru 1855/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Programm Kultura (2007-2013) (ĠU L 372, 27.12.2006, p. 1).

⁽⁵²⁾ Id-Deċiżjoni Nru 1904/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-programm Europe for Citizens għall-perjodu 2007-2013 li jipromwovi ċittadinza Ewropea attiva (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 32).

⁽⁵³⁾ Id-Deċiżjoni Nru 1719/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-programm "Żgħażaġħ fl-Azzjoni" (2007-2013) (ĠU L 327, 24.11.2006, p. 30).

⁽⁵⁴⁾ Id-Deċiżjoni Nru 1718/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' programm ta' appoġġ lis-settur awdjoviżiv Ewropew (MEDIA 2007) (2007-2013) (ĠU L 327, 24.11.2006, p. 12).

⁽⁵⁵⁾ Id-Deċiżjoni Nru 1298/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi Programm ta' Azzjoni Erasmus Mundus 2009-2013 għat-titjib tal-kwalità fl-edukazzjoni superjuri u għall-promozzjoni tal-komprensjoni interkulturali permezz ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi (ĠU L 340, 19.12.2008, p. 83).

⁽⁵⁶⁾ Id-Deċiżjoni Nru 1041/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi programm ta' kooperazzjoni fis-settur awdjoviżiv ma' professjonisti minn pajjiżi terzi (MEDIA Mundus) (2011-2013) (ĠU L 288, 4.11.2009, p. 10).

⁽⁵⁷⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 443/92 li jstabbilixxi proġetti fil-qasam tal-edukazzjoni għolja eliġibbli għall-finanzjament taħt id-dispożizzjonijiet dwar l-għajjnuna għall-kooperazzjoni ekonomika mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-Asja (ĠU L 52, 27.02.1992, p. 1).

⁽⁵⁸⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 li jstabbilixxi proġetti fl-oqsma tal-edukazzjoni għolja u ż-żgħażaġh eliġibbli għall-finanzjament skont id-dispożizzjonijiet tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) (ĠU L 210, 31.07.2006, p. 82).

- (xii) proġetti fil-qasam tal-edukazzjoni primarja, sekondarja u għolja u żgħażaġh eliġibbli għall-finanzjament skont id-dispożizzjonijiet tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija ⁽⁵⁹⁾;
- (xiii) proġetti fil-qasam tal-edukazzjoni għolja eliġibbli għall-finanzjament skont id-dispożizzjonijiet tal-istrument ta' finanzjament għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp ⁽⁶⁰⁾;
- (xiv) proġetti fil-qasam tal-edukazzjoni għolja u taż-żgħażaġh eliġibbli għall-finanzjament skont id-dispożizzjonijiet tal-istrument ta' finanzjament għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi u territorji industrijalizzati u oħrajn bi dħul għoli ⁽⁶¹⁾.

6. L-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka għandha tiġi fdata bl-implimentazzjoni tal-legat tal-programmi (jew partijiet minnhom) tal-Unjoni li ġejjin:

- (a) Orizzont 2020: Parti I: it-tisħiħ tar-riċerka fil-fruntieri permezz tal-attivitajiet tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka ⁽⁶²⁾, li skont il-QFP tal-2014-2020 ġiet implimentata mill-aġenzija eżekuttiva stabbilita bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/779/UE ("dik li kienet l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka");
- (b) FP7: il-programm speċifiku "Ideat" ⁽⁶³⁾, li skont il-QFP tal-2014-2020 ġie implimentat minn dik li kienet l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka.

TAQSIMA III

REGOLI OPERATTIVI

Artikolu 8

Membri tal-Kumitat ta' Tmexxija u Direttur

1. Il-membri tal-Kumitat ta' Tmexxija ta' kull aġenzija għandhom, fil-prinċipju, jinħatru għal sentejn.
2. Id-Direttur ta' kull aġenzija għandu, fil-prinċipju, jinħatar għal erba' snin.

Artikolu 9

Is-sekondar tal-uffiċjali

1. L-uffiċjali għandhom jiġu ssekondati lill-Aġenzija wara li jimlew il-kariga parallela fil-Kummissjoni wara l-pubblikazzjoni tal-karigi relatati u l-għażla, jew l-assenjar mill-ġdid fl-interessi tas-servizz imsemmi fl-Artikolu 7(1) tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ("ir-Regolamenti tal-Persunal") u l-Kondizzjonijiet tal-Impjeg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea ("CEOS") ⁽⁶⁴⁾.

⁽⁵⁹⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1638/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi proġetti fil-qasam tal-edukazzjoni primarja, sekondarja u għolja u ż-żgħażaġh eliġibbli għall-finanzjament taħt id-dispożizzjonijiet tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ĠU L 310, 09.11.2006, p. 1).

⁽⁶⁰⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi proġetti fil-qasam tal-edukazzjoni għolja eliġibbli għall-finanzjament skont id-dispożizzjonijiet tal-istrument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

⁽⁶¹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1934/2006 li jstabbilixxi proġetti fil-qasam tal-edukazzjoni għolja u ż-żgħażaġh eliġibbli għall-finanzjament skont id-dispożizzjonijiet tal-istrument ta' finanzjament għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi u territorji industrijalizzati u oħrajn bi dħul għoli (ĠU L 405, 30.12.2006, p. 41).

⁽⁶²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104); Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplementa Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

⁽⁶³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/972/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku "Ideat" li jimplementa s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007 sa 2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 243).

⁽⁶⁴⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 tad-29 ta' Frar 1968 li jstabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali u l-kondizzjonijiet ta' impjeg ta' uffiċjali oħra tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1).

2. Meta l-Aġenzija taċċetta s-sekondar, l-uffiċjal għandu jiġi offrut il-possibbiltà li jiġi ssekondat fl-interessi tas-servizz għall-kariga ta' responsabbiltà kkonċernata fl-aġenzija f'konformità mal-Artikoli 37, il-punt (a), u 38 tar-Regolamenti tal-Persunal ⁽⁶⁵⁾. L-uffiċjal għandu jinstema' skont l-Artikolu 38, il-punt (a), tar-Regolamenti tal-Persunal.
3. L-uffiċjal għandu jiġi offrut kuntratt skont l-Artikolu 2a tas-CEOS.
4. Soġġett għal-limiti tal-karigi disponibbli fil-pjan ta' stabbiliment tal-aġenzija, l-aġenzija għandha toffri l-kuntratt lill-uffiċjal sekondat fl-istess grad, skala u anzjanità fil-grad u skala kif għandu l-uffiċjal fil-Kummissjoni. Tali kuntratt għandu jiġi emendat biex jirrifletti kwalunkwe bidla fil-karriera tal-uffiċjal fil-Kummissjoni.

Artikolu 10

Persunal temporanju u bil-kuntratt

L-Aġenzija għandha tingaġġa direttament lill-persunal temporanju skont l-Artikolu 2f tas-CEOS u lill-persunal bil-kuntratt skont l-Artikolu 3a tas-CEOS.

Artikolu 11

Rekwiżiti ta' superviżjoni u ta' rappurtaġġ

L-aġenziji għandhom ikunu soġġetti għas-superviżjoni mill-Kummissjoni u għandhom jirrapportaw regolarment dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni, jew partijiet minnhom, li għalihom huma responsabbli skont l-arranġamenti u fl-intervalli stabbiliti fid-Deċiżjonijiet li jiddelegaw il-poteri lill-aġenziji stabbiliti b'din id-Deċiżjoni u adottati f'konformità mal-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KE) Nru 58/2003.

Artikolu 12

Evalwazzjonijiet

1. L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agricoltura u l-Ikel, l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Networks, l-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka, dik li qabel kienet l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka, l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura u l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji għandhom jiġu evalwati b'mod ikkoordinat skont l-Artikolu 25 tar-Regolament (KE) Nru 58/2003. Dawn l-evalwazzjoni għandhom ikopru l-perjodu li jifdal tal-mandat tal-2014-2020 tal-aġenziji eżekuttivi li għadu ma ġiex evalwat. Il-perjodu evalwat għandu jintemm fil-jum ta' qabel id-data tal-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
2. L-evalwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 25 tar-Regolament (KE) Nru 58/2003 għall-aġenziji stabbiliti bid-Deċiżjoni għandhom jibdew mid-data tal-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni. L-aġenziji għandhom jiġu evalwati b'mod koordinat.
3. F'konformità mal-Artikolu 25(1) tar-Regolament (KE) Nru 58/2003, l-evalwazzjonijiet li jkopru l-mandati 2021-2027 tal-aġenziji għandhom jiġu ppreżentati lill-Kumitati ta' Tmexxija tal-aġenziji eżekuttivi, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Qorti tal-Awdituri.

Artikolu 13

Parteċipazzjoni fis-sistema EMAS tal-Kummissjoni

1. L-aġenziji għandhom jimplementaw u jirreġistraw skont l-Iskema ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali (Eco-Management and Audit Scheme, EMAS). Huma jistgħu jagħżlu li jipparteċipaw fir-reġistrazzjoni korporattiva tal-EMAS tal-Kummissjoni, fejn ikunu ospitati f'binjiet li huma ġestiti mill-Kummissjoni.

⁽⁶⁵⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 tad-29 ta' Frar 1968 li jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali u l-kondizzjonijiet ta' impjeg ta' uffiċjali oħra tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1).

2. Ir-reġistrazzjoni tal-aġenziji għas-sistema EMAS tal-Kummissjoni għandha tkun soġġetta għal impenn bil-miktub bejn il-President tal-Kumitat tat-Tmexxija EMAS tal-Kummissjoni, imsemmi fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013)7708 ⁽⁶⁶⁾, u l-aġenziji, u soġġetta għall-approvazzjoni mill-Korp Kompetenti tal-EMAS fil-Belġju.

Artikolu 14

Implimentazzjoni tal-baġit operattiv

L-aġenziji għandhom jimplimentaw il-baġit operattiv rispettiv tagħhom skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1653/2004 ⁽⁶⁷⁾.

TAQSIMA IV

DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻIZZJONALI

Artikolu 15

Suċċessjoni ġenerali

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli minn 16 sa 20, l-aġenziji stabbiliti b'din id-Deċiżjoni għandhom ikunu s-suċċessuri legali u universali, b'mod partikolari fir-rigward tal-kuntratti kollha u tal-ftehimiet ta' għotja, tal-passivi u l-proprjetà akkwistata, tal-aġenziji rispettivi li se jkunu s-suċċessuri tagħhom u li se jissostitwixxu bis-saħħa ta' din id-Deċiżjoni.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1:

- (a) l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent għandha tkun is-suċċessur tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Networks, u tissostitwixxiha;
- (b) l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u għall-SMEs għandha tkun is-suċċessur tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji, u tissostitwixxiha;
- (c) l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka għandha tkun is-suċċessur tal-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka, u tissostitwixxiha;
- (d) l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura għandha tkun is-suċċessur tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura, u tissostitwixxiha;
- (e) l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tar-Riċerka għandha tkun is-suċċessur ta' dik li qabel kienet l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka, u tissostitwixxiha.

Artikolu 16

Trasferiment ta' attivitajiet ta' legat bejn l-aġenziji u bejn il-Kummissjoni u l-aġenziji

1. Meta l-attivitajiet ta' legat jiġu trasferiti bejn l-aġenziji jew mill-Kummissjoni lil aġenzija skont l-Artikolu 7, il-fajls u l-impenji legali kollha għandhom jittieħdu awtomatikament, bis-saħħa ta' din id-Deċiżjoni, mill-aġenzija stabbilita b'din id-Deċiżjoni. Dik l-aġenzija għandha tkun surrogata fid-drittijiet u l-obbligi rispettivi kollha.

2. Meta l-programmi tal-Unjoni jiġu ddelegati mill-Kummissjoni lil aġenzija stabbilita b'din id-Deċiżjoni skont l-Artikolu 7, il-Kummissjoni għandha żżomm id-drittijiet li ġejjin:

- (a) li tapprova ċ-ċertifikat dwar il-metodoloġija;
- (b) li twettaq kontrolli, reviżjonijiet jew verifiki;
- (c) li twettaq evalwazzjonijiet interim u finali tal-impatt tal-azzjoni mkejjel skont l-oġġettivi tal-programmi;

⁽⁶⁶⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-18.11.2013 dwar l-applikazzjoni mis-servizzi tal-Kummissjoni tal-iskema Komunitarja ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS).

⁽⁶⁷⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1653/2004 tal-21 ta' Settembru 2004 dwar regolament finanzjarju standard tal-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 297, 22.9.2004, p. 6).

- (d) li tagħmel disponibbli informazzjoni dwar ir-riżultati lil istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji jew aġenziji oħra tal-Unjoni kif ukoll lil Stati Membri jew pajjiżi assoċjati;
- (e) li tuża l-materjali, id-dokumenti jew l-informazzjoni tal-benefiċjarji skont id-dispożizzjonijiet tal-ftehim dwar l-għotja;
- (f) li tpaċi skont l-Artikolu 102(1) tar-Regolament Finanzjarju;
- (g) li tadotta deċiżjoni infurzabbli għat-talbiet tal-aġenzija, skont l-Artikolu 299 tat-Trattat.

Artikolu 17

Trasferiment ta' uffiċjali ssekondati bejn l-aġenziji

1. Meta aġenzija tkun is-suċċessur u tissostitwixxi l-aġenzija ta' qabilha skont l-Artikolu 15, l-uffiċjali tal-Kummissjoni li jiġu ssekondati fl-interessi tas-servizz lill-aġenzija li ma baqgħetx teżisti, għandhom ikomplu jiġu ssekondati fl-interessi tas-servizz għall-kariga ta' responsabbiltà korrispondenti fl-aġenzija li tiegħu f'idejha l-kompiti tagħhom, f'konformità mal-Artikolu 38 tar-Regolamenti tal-Persunal.
2. Fil-każ ta' trasferiment ta' attivitajiet ta' legat bejn l-aġenziji skont l-Artikolu 16, l-uffiċjali ssekondati mal-aġenzija li ma baqgħetx teżisti, u li l-kompiti tagħha ttieħdu minn aġenzija stabbilita b'din id-Deċiżjoni, għandhom jiġu ssekondati fl-interessi tas-servizz għall-kariga ta' responsabbiltà korrispondenti fl-aġenzija stabbilita b'din id-Deċiżjoni f'konformità mal-Artikoli 37, il-punt (a), u l-Artikolu 38 tar-Regolamenti tal-Persunal. L-uffiċjal għandu jinstema' skont l-Artikolu 38, il-punt (a), tar-Regolament tal-Persunal.
3. L-aġenzija stabbilita b'din id-Deċiżjoni għandha taċċetta s-sekondar mingħajr ebda proċedura ta' pubblikazzjoni u ta' għażla.
4. L-uffiċjal ikkonċernat għandu jiġi offrut kuntratt skont l-Artikolu 2a tas-CEOS.
5. Soġġett għal-limiti tal-karigi disponibbli fil-pjan ta' stabbiliment tal-aġenzija stabbilita b'din id-Deċiżjoni, dik l-aġenzija għandha toffri l-kuntratt imsemmi fil-paragrafu 4 fl-istess grad, skala u anzjanità fil-grad u skala bħal dik li l-uffiċjal għandu fil-Kummissjoni. Tali kuntratt għandu jiġi emendat fejn meħtieġ biex jirrifletti kull bidla fil-karriera tal-uffiċjal fil-Kummissjoni.
6. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, meta t-trasferiment ta' kompiti skont l-Artikoli 15 u 16 jirriżulta fis-sekondar ta' żewġ uffiċjali jew aktar fuq l-istess kariga ta' responsabbiltà korrispondenti fl-aġenzija stabbilita b'din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni, wara proposta tad-Direttorat Ġenerali prinċipali, jew meta jkun hemm aktar Direttorati Ġenerali prinċipali, id-Direttorat Ġenerali prinċipali anzjan ta' dik l-aġenzija għandu jiddeċiedi liema uffiċjal imsemmi fil-paragrafi 1 u 2 għandu jiġi ssekondat lil dik l-aġenzija. Il-Kummissjoni tista' ttemm is-sekondar ta' uffiċjali oħra kkonċernati.
7. Id-Direttur tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agrikoltura u l-Ikel għandu jiġi integrat mill-ġdid mal-Kummissjoni.

Artikolu 18

Trasferiment tal-persunal temporanju skont l-Artikolu 2f tas-CEOS u tal-persunal bil-kuntratt skont l-Artikolu 3a tas-CEOS bejn l-aġenziji

1. Meta aġenzija tkun is-suċċessur u tissostitwixxi lil dik ta' qabilha skont l-Artikolu 15, il-kuntratti tal-persunal temporanju skont l-Artikolu 2f tas-CEOS u l-kuntratti tal-persunal bil-kuntratt skont l-Artikolu 3a tas-CEOS għandhom ikomplu jibqgħu jeżistu fl-aġenzija stabbilita b'din id-Deċiżjoni mingħajr ebda tibdil.
2. Meta jkun hemm trasferiment ta' attivitajiet ta' legat bejn l-aġenziji u bejn il-Kummissjoni u l-aġenziji skont l-Artikolu 16, il-persunal temporanju skont l-Artikolu 2f tas-CEOS u l-persunal bil-kuntratt skont l-Artikolu 3a tas-CEOS, imjegati mill-aġenzija li ma baqgħetx teżisti u li ġew identifikati bħala li jwettqu kompiti relatati mal-implimentazzjoni ta' programmi li jittieħdu mill-aġenzija stabbilita b'din id-Deċiżjoni li għaliha huma assenjati l-kompiti tagħhom, għandhom jiġu trasferiti lil dik l-aġenzija.

3. Il-persunal imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jiġi trasferit lill-aġenzija stabbilita b'din id-Deċiżjoni mingħajr l-ebda modifika tal-kuntratti tagħhom. Il-bidla tal-aġenzija m'għandhiex titqies bħala dħul ġdid fis-servizz u l-kontinwità tal-karriera għandha tiġi żgurata f'kull rigward.
4. Il-persunal imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jintalab jiddeċiedi, fi żmien 15-il jum tax-xogħol min-notifika formali tat-trasferiment, jekk iridux jiġu trasferiti lill-aġenzija stabbilita b'din id-Deċiżjoni biex ikompli jwettqu kompiti relatati mal-implimentazzjoni tal-programm meħud minn dik l-aġenzija. Meta membru tal-persunal ikkonċernat jesprimi r-rifjut tiegħu jew tagħha bil-miktub matul dan il-perjodu, il-kuntratt ta' dan il-membru tal-persunal, għandu jintemm mill-Aġenzija skont il-kondizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 47 tas-CEOS.
5. Fir-rigward tal-persunal tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agrikoltura u l-Ikel, il-perjodu msemmi fil-paragrafu 4 għandu jkun ta' xahrejn.

Artikolu 19

Trasferiment bejn l-aġenziji tal-persunal ta' appoġġ li mhuwiex marbut ma' programm speċifiku

1. L-Artikolu 17(2) sa (6) u l-Artikolu 18(2) sa (5) għandu japplika għall-persunal ta' appoġġ tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agrikoltura u l-Ikel li mhuwiex marbut ma' programm speċifiku. Dawn għandhom jiġu ttrasferiti lill-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali, lill-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u għall-SMEs jew lill-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka, abbażi tal-għażla tagħhom u soġġetti għan-numru ta' karigi assenjati lil dawn l-aġenziji.
2. Soġġetti għan-numru ta' karigi assenjati lill-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali, l-Artikolu 17(2) sa (6) u l-Artikolu 18(2) sa (4) għandhom japplikaw għall-persunal tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji u ta' dik li qabel kienet l-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka identifikati bħala li jwettqu kompiti ta' appoġġ fir-rigward ta' programmi li ttieħdu mill-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali.
3. Soġġetti għall-għadd ta' karigi assenjati lill-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent, l-Artikolu 17(2) sa (6) u l-Artikolu 18(2) sa (4) għandhom japplikaw għall-persunal tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji identifikati bħala li jwettqu kompiti ta' appoġġ fir-rigward ta' programmi li ttieħdu mill-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent.

Artikolu 20

Trasferiment ta' uffiċjali ssekondati, persunal bil-kuntratt u persunal temporanju mill-Kummissjoni għall-aġenziji

1. Fil-każ ta' trasferiment ta' attivitajiet ta' legat mill-Kummissjoni lil aġenzija skont l-Artikolu 16, l-uffiċjali tal-Kummissjoni li l-kompiti tagħhom huma trasferiti lill-aġenzija stabbilita b'din id-Deċiżjoni jistgħu jiġu offruti mill-Kummissjoni l-possibbiltà li jiġu ssekondati fl-interessi tas-servizz, fit-tip ta' kariga rispettiva tagħhom, għall-kariga ta' responsabbiltà f'din l-aġenzija skont l-Artikolu 38 tar-Regolamenti tal-Persunal.
2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, għandhom japplikaw il-paragrafi minn 3 sa 5 tal-Artikolu 17.
3. F'każ ta' trasferiment ta' attivitajiet ta' legat mill-Kummissjoni lil aġenzija skont l-Artikolu 16, l-aġenzija stabbilita b'din id-Deċiżjoni għandha toffri lill-persunal bil-kuntratt tal-Kummissjoni l-possibbiltà, mingħajr il-proċedura ta' pubblikazzjoni u għażla, li jikkonkludu kuntratt ġdid skont l-Artikolu 3a tas-CEOS fl-istess grupp ta' funzjoni biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-kompiti meta:
 - (a) l-kompiti tagħhom jiġu trasferiti mill-Kummissjoni lill-aġenzija stabbilita b'din id-Deċiżjoni bis-saħħa ta' din id-Deċiżjoni;
 - (b) huma jkunu ssodisfaw il-proċedura sħiħa tal-għażla tal-persunal bil-kuntratt, organizzata mill-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal jew immexxija skont ir-responsabbiltà tiegħu.

4. Il-kondizzjonijiet tal-impjeg tal-persunal imsemmi fil-paragrafu 3 għandhom jiġu ddeterminati skont ir-regoli adatti applikati mill-aġenzija stabbilita b'din id-Deċiżjoni. L-aċċettazzjoni ta' kuntratt ġdid skont il-paragrafu 3 għandha ttejjem il-kuntratt mal-Kummissjoni u għandha tiskatta l-bidu ta' perjodu ta' prova ġdid.

5. Meta membru tal-persunal imsemmi fil-paragrafu 3 jirrifjuta l-kuntratt fl-aġenzija stabbilita b'din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni tista' ttejjem il-kuntratt tiegħu jew tagħha skont l-Artikolu 47 tas-CEOS.

6. F'każ ta' trasferiment ta' attivitajiet ta' legat mill-Kummissjoni lil aġenzija skont l-Artikolu 16, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u għall-SMEs għandha toffri lil persunal temporanju, ingaġġati mill-Kummissjoni skont id-Deċiżjoni tal-Kulleġġ tal-10 ta' April 2019 ⁽⁶⁸⁾ bħala manijers tal-programmi fil-kuntest tal-proġett pilota mtejjeb tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni, il-possibbiltà, mingħajr pubblikazzjoni u proċedura ta' għażla, li jikkonkludu kuntratti skont l-Artikolu 2f tas-CEOS fl-istess grupp ta' funzjoni u grad, biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-kompiti fejn, soġġetti għad-dispożizzjonijiet tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 53 tas-CEOS:

(a) il-kompiti tagħhom jiġu ttrasferiti mill-Kummissjoni lill-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u għall-SMEs;

(b) il-karigi kkonċernati jistgħu jiġu koperti mill-baġit tal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u għall-SMEs.

7. Il-kondizzjonijiet tal-impjeg tal-persunal temporanju msemmi fil-paragrafu 6 għandhom jiġu ddeterminati f'konformità mar-regoli xierqa applikati mill-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u għall-SMEs. L-aċċettazzjoni ta' kuntratt ġdid skont il-paragrafu 6 għandha ttejjem il-kuntratt mal-Kummissjoni u għandha tiskatta l-bidu ta' perjodu ta' prova ġdid.

8. Meta membru tal-persunal imsemmi fil-paragrafu 6 jirrifjuta l-kuntratt fl-aġenzija stabbilita b'din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni tista' ttejjem il-kuntratt tiegħu jew tagħha skont l-Artikolu 47 tas-CEOS.

Artikolu 21

L-istralċ tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agricoltura u l-Ikel u miżuri tranżitorji

1. L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agricoltura u l-Ikel għandha tiegħa teżisti mill-1 ta' April 2021 u wara din id-data għandha tiġi stralċjata f'konformità mal-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 58/2003 u l-paragrafi (2) sa (5) ta' dan l-Artikolu.

2. Il-persunal tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agricoltura u l-Ikel għandu jiġi trasferit f'konformità mal-Artikolu 17(2) sa (7), l-Artikolu 18(2) sa (5) u l-Artikolu 19. Dak il-persunal għandu jkun intitolat għat-telework full-time fil-post ta' residenza tiegħu mill-1 ta' April 2021 sat-30 ta' Settembru 2021. Il-persunal li jirrifjuta li jiċċaqtaq lejn l-aġenzija stabbilita b'din id-Deċiżjoni u li jkompli jwettaq il-kompiti tiegħu li ttieħdu minn din l-aġenzija biex iservi l-perjodu ta' avviż msemmi fl-Artikolu 47 tas-CEOS, għandu jkun intitolat għat-telework full time fil-post ta' residenza tagħhom mill-1 ta' April 2021 sa tmiem il-perjodu ta' avviż.

3. Minkejja l-Artikolu 19(1), l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali għandha tiegħa f'idejha mill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agricoltura u l-Ikel kwalunkwe attività ta' appoġġ mhux marbuta ma' programm speċifiku.

4. L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u għall-SMEs u l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka għandhom jieħdu f'idejhom l-assi u l-obbligazzjonijiet kollha marbuta mal-attivitajiet meħuda mill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agricoltura u l-Ikel u l-assi u l-obbligazzjonijiet kollha marbuta mal-attivitajiet ta' appoġġ imsemmija fil-paragrafu 3.

⁽⁶⁸⁾ Deċiżjonijiet amministrattivi u baġitarji meħuda fl-2291 laqgħa tal-10 ta' April 2019.

5. Iż-żewġ likwidaturi maħtura mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 58/2003 għandhom jivverifikaw u jikkonfermaw li l-attivitajiet kollha tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Aġrikoltura u l-Ikel jew jintemmu jew jittieħdu, u li l-assi u l-obbligazzjonijiet kollha li jifdal ikunu ttieħdu mill-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali, mill-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u għall-SMEs u mill-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka. Il-likwidaturi għandhom jistabbilixxu kwalunkwe riżultat nett tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Aġrikoltura u l-Ikel wara l-likwidazzjoni. Imbagħad għandhom jirrikonoxxu l-istralċ tagħha.

Artikolu 22

Perjodu tranżitorju għall-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali

1. Il-Kummissjoni għandha tiġġestixxi l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali sakemm l-aġenzija jkollha l-kapaċità operattiva biex timplimenta l-baġit tagħha stess.
2. Għall-fini tal-paragrafu 1, id-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari għandu jaġixxi bħala Direttur interim u jeżerċita d-dmirijiet kollha assenjata lid-Direttur.

Artikolu 23

Data tal-mobilità tal-persunal

1. Il-persunal imsemmi fl-Artikoli minn 17 sa 21 għandu jiġi ttrasferit lill-Aġenzija korrispondenti b'effett mill-1 ta' April 2021.
2. Għall-finijiet tal-qadi tal-perjodu ta' notifika msemmi fl-Artikolu 47 tas-CEOS, il-persunal bil-kuntratt u temporanju msemmi fl-Artikoli 18, 19 u 21, li jirrifjutaw li jiċċaqilqu għall-aġenzija korrispondenti stabbilita b'din id-Deċiżjoni, għandhom jiġu ttrasferiti lil dik l-aġenzija u jkomplu jwettqu l-kompiti tagħhom sa tmiem il-perjodu ta' notifika.

TAQSIMA V

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 24

Tħassir

1. Id-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/801/UE, 2013/771/UE, 2013/778/UE, 2013/779/UE, 2013/776/UE u 2013/770/UE huma mħassra b'effett mill-1 ta' April 2021.
2. Ir-referenzi għad-Deċiżjonijiet imħassra għandhom jitqiesu bħala referenzi għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 25

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandha tapplika mill-1 ta' April 2021. Madankollu, l-Artikoli 3(2) u 22 għandhom japplikaw mis-16 ta' Frar 2021.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Frar 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

DEĊIŻJONI (UE) 2021/174 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**tal-10 ta' Frar 2021****li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2020/440 dwar programm temporanju ta' xiri ta' emerġenza fil-każ ta' pandemija (BĊE/2021/6)**

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 127(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 12.1 flimkien mal-ewwel inċiż tal-Artikolu 3.1, u l-Artikolu 18.1 tiegħu,

Billi:

- (1) Wara li kkunsidra ċ-ċirkostanzi ekonomiċi u finanzjarji eċċezzjonali assoċjati mal-firxa tal-marda tal-coronavirus (COVID-19), il-Kunsill Governattiv stabbilixxa programm temporanju ġdid ta' xiri ta' emerġenza fil-każ ta' pandemija (PEPP) taħt id-Deċiżjoni (UE) 2020/440 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2020/17) ⁽¹⁾. Il-PEPP jinkludi l-kategoriji kollha ta' assi eliġibbli taħt il-programm estiż ta' xiri ta' assi (APP), li jħaddan il-programm ta' xiri ta' assi tas-settur pubbliku minn swieq sekondarji, it-tielet programm ta' xiri ta' bonds koperti, il-programm ta' xiri ta' titoli ggarantiti b'assi u l-programm ta' xiri mis-settur korporattiv.
- (2) Fl-10 ta' Diċembru 2020, il-Kunsill Governattiv iddeċieda, b'mod konformi mal-mandat tiegħu li jiżgura l-istabbiltà tal-prezzijiet, li jirrevedi ċerti karatteristiċi tad-disinn tal-PEPP bil-għan li jiġu ppreservati kundizzjonijiet ta' finanzjament favorevoli matul il-perijodu tal-pandemija, biex b'hekk jintrifed l-irkupru ekonomiku u tingħata għajnuna għan-newtralizzazzjoni tal-impatt 'l isfel tal-pandemija fuq il-mogħdija projettata tal-inflazzjoni. Speċifikament, il-Kunsill Governattiv iddeċieda li jżid l-envelopp separat ġenerali għall-PEPP b'EUR 500 biljun għal total ta' EUR 1 850 biljun u li jestendi l-orizzont ta' xirjiet netti taħt il-PEPP ta' mill-inqas sa tmiem Marzu 2022. Fi kwalunkwe każ, il-Kunsill Governattiv se jwettaq xirjiet netti sakemm jiġġudika li l-fażi ta' kriżi tal-coronavirus intemmet.
- (3) Ix-xirjiet taħt il-PEPP se jkomplu jitmexxew b'mod flessibbli skont il-kundizzjonijiet tas-suq u bil-għan li jiġi evitat l-issikkar tal-kundizzjonijiet finanzjarji li huwa inkonsistenti mal-azzjonijiet kontra l-impatt 'l isfel tal-pandemija fuq it-trajettorja pprojettata tal-inflazzjoni. Barra minn hekk, il-flessibilità tax-xirjiet maż-żmien, bejn klassijiet ta' assi u fost ġurisdizzjonijiet se tkompli tappoġġa t-tranżizzjoni bla xklel tal-politika monetarja. Jekk kundizzjonijiet ta' finanzjament favorevoli jistgħu jinżammu bi flussi ta' xiri ta' assi li ma jeżawrixxux l-envelopp fuq l-orizzont ta' xiri nett tal-PEPP, l-envelopp m'għandux jintuża bis-sħiħ. Ugwalment, l-envelopp jista' jiġi kkalibrat mill-ġdid, jekk meħtieġ, biex jinżammu kundizzjonijiet ta' finanzjament favorevoli sabiex tingħata għajnuna kontra x-xokk negattiv tal-pandemija lejn it-trajettorja tal-inflazzjoni.
- (4) L-estensjoni tax-xirjiet PEPP fuq orizzont itwal tirrifletti l-konsegwenzi prolongati mill-pandemija għall-ekonomija u l-inflazzjoni. Din tippermetti preżenza kontinwa fis-suq u appoġġ aktar deġġiemi mill-istimulu monetarju tal-BĊE filwaqt li titqies ukoll l-iskeda ta' żmien mistennija għall-għoti tal-vaċċini u l-projezzjonijiet makroekonomiċi aġġornati tal-persunal. L-ippreservar ta' kundizzjonijiet ta' finanzjament favorevoli matul il-perijodu tal-pandemija se jgħin biex titnaqqas l-inċertezza u tissaħħaħ il-kunfidenza, biex b'hekk jiġu mħeġġa l-infiq mill-konsumaturi u l-investment min-negozji, u finalment, biex jissejjes l-irkupru ekonomiku u tingħata għajnuna biex jiġi nnewtralizzat l-impatt 'l isfel tal-pandemija fuq it-trajettorja projettata tal-inflazzjoni.
- (5) Finalment, sabiex jiġi evitat ir-riskju tal-issikkar mhux iġġustifikat tal-kundizzjonijiet ta' finanzjament fi żmien meta l-irkupru mix-xokk pandemiku aktarx li se jibqa' mhux komplut, il-Kunsill Governattiv iddeċieda li l-pagamenti prinċipali minn titoli li jimaturaw mixtrija taħt il-PEPP se jiġu investiti mill-ġdid bis-sħiħ ta' mill-inqas sa tmiem l-2023 u, barra minn hekk, li fi kwalunkwe każ, ir-roll-off futur tal-portafoll PEPP se jiġi mmaniġġjat b'tali mod li tiġi evitata interferenza mal-pożizzjoni tal-politika monetarja xierqa.

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni (UE) 2020/440 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-24 ta' Marzu 2020 dwar programm temporanju ta' xiri ta' emerġenza fil-każ ta' pandemija (BĊE/2020/17) (ĠU L 91, 25.3.2020, p. 1).

- (6) Il-Kunsill Governattiv jikkunsidra l-firxa sħiħa ta' miżuri adottati fl-10 ta' Diċembru 2020 bħala meħtieġa u proporzjonati bħala azzjoni kontra r-riskji serji għall-istabbiltà tal-prezzijiet, il-mekkaniżmu ta' trasmissjoni tal-politika monetarja u l-prospettiva ekonomika fiż-żona tal-euro, li huma maħluqa mill-kundizzjonijiet severi kontinwi tal-pandemija. Il-Kunsill Governattiv jibqa' tal-fehma li l-PEPP, flimkien mal-miżuri l-oħrajn kollha tal-politika monetarja, huwa għodda xierqa biex jiġu ppreservati kundizzjonijiet ta' finanzjament favorevoli matul il-perijodu tal-pandemija. Barra minn hekk, rikalibrazzjoni tal-PEPP, fuq il-bażi ta' envelopp ta' xiri addizzjonali li jibqa' flessibbli fl-użu tiegħu, huwa aktar effiċjenti minn strumenti alternattivi tal-politika monetarja biex tinżamm l-akkomodazzjoni monetarja meħtieġa fl-ambjent attwali tal-pandemija li hija kkaratterizzata minn livell għoli ta' inċertezza. Finalment, meta titqies il-valutazzjoni preċedenti li, meta jintiżen kollox, il-benefiċċji tax-xirjiet PEPP jisbqu l-kosti potenzjali, il-Kunsill Governattiv jiġġudika li l-impatt pożittiv ta' xirjiet ta' assi addizzjonali fil-kuntest tal-PEPP, flimkien mal-firxa sħiħa ta' miżuri tal-politika monetarja adottati fl-10 ta' Diċembru 2020, mal-kisba tal-mandat ta' stabbiltà tal-prezzijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew, biċ-ċar jisboq kwalunkwe effetti negattivi potenzjali fuq oqsma oħra tal-politika ekonomika. Il-Kunsill Governattiv jibqa' lest li jaġġusta l-istrumenti kollha tiegħu, kif xieraq, sabiex jiżgura li l-inflazzjoni tersaq lejn l-għan tiegħu b'mod sostnut, b'mod konformi mal-impenn tiegħu lejn is-simmetrija.
- (7) Għalhekk, id-Deċiżjoni (UE) 2020/440 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2020/17) għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Emendi

Id-Deċiżjoni (UE) 2020/440 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2020/17) hija emendata kif ġej:

1. fl-Artikolu 1, il-paragrafu 1 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Eurosistema bil-preżenti tistabbilixxi programm temporanju ta' xiri ta' emerġenza f'każ ta' pandemija ("PEPP") bħala programm ta' xiri separat. L-envelopp ġenerali tal-PEPP huwa ta' EUR 1 850 biljun. Il-pagamenti prinċipali li jimmatuaw minn titoli mixtrija taħt il-PEPP għandhom jiġu investiti mill-ġdid fix-xiri ta' titoli ta' dejn negozjabbli eliġibbli ta' mill-inqas sat-tmiem tal-2023. Fi kwalunkwe każ, ir-roll-off futur tal-portafoll tal-PEPP għandu jiġi mmaniġġjat b'tali mod li tiġi evitata interferenza mal-pożizzjoni monetarja xierqa."

2. fl-Artikolu 5, il-paragrafu 3 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-Kunsill Governattiv jiddelega lill-Bord Eżekuttiv is-setgħa li jiffissa r-ritmu xieraq u l-kompożizzjoni tax-xirjiet mensili tal-PEPP fi ħdan l-envelopp ġenerali u totali ta' EUR 1 850 biljun. B'mod partikolari, l-allokazzjoni tax-xiri tista' tiġi aġġustata taħt il-PEPP biex tippermetti varjazzjonijiet fid-distribuzzjonijiet tal-flussi tax-xiri, maż-żmien, bejn klassijiet ta' assi u fost il-ġurisdizzjonijiet."

Artikolu 2

Dispożizzjoni finali

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fir-raba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Frankfurt am Main, l-10 ta' Frar 2021.

Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)